# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. — IT-TLIETA, IT-23 TA DICEMBRU, 1913. — Nru. 96.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħhom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Għada lejliet il Milied!

Elf, disa' mija u tlittax il sena ilu, geŭŭa belt żgħira msejjħa Betlemm, chien hemm xi ragħajja, għall ħabta ta nofs il-lejl, kiegħdin jinducraŭ li mrieħel taħhom. F'dakka ŭaħda raŭ Anġlu nieżel mis-sema fil ŭakt li igħidilhom: «Gibtilcom aħbar ta ferħ cbir. Paci fl'art lill bniedmin ta kalb tajjba». X'chienet dic l'aħbar? Liema hia il paci? Niġru ma daŭn ir-ragħajja fejn kallhom l'Anġlu: u aħna nilmħu f'dakxejn ta għar Mara u Ragel b'Tarbija fuk ftit tiben. Naraŭ dan u aħna nistkarru li dac hu l'Iben t'Alla, li sar bniedem għalina. Oħ x'ferħ! Oħ x'hena tnissel din id-Dehra f'kalb it-tajjeb! Imma m'hux hecc għal daŭc li ma iridux igħarfu il veru Daŭl. Imsejcnin! Huma jimxu fid-dlam tal-lejl bla ma jiddaŭŭlu bid-daŭl t'Alla; huma segŭaci ta Lucîfru, li ma riedx iniżżel ir-ras supperva tiegħu għall Misterju ta Cristu Alla-u-Bniedem. Imma ħarsu lejn in-natura stess li donnha kiegħda tgħid: «Ninża mil ġmiel tiegħi, għaliex il Messija biss għandu icun iż-żina ta ruħ il bniedem.» Isimgħu l'Anġli iħabbru il paci; imma il paci m'hix għalicom jecc ma tmorrux sal għar ta Betlemm u minn hemm titgħallmu l'umiltà, it-tieba, il kdusija, is-sabar u l'imħabba.

***

Il-leħen tal Anġlu baka' jidŭi u jibka' jidŭi mad-dinja sal aħħar taż-żmienijet. Hu ħabbar il paci: u din ma tinsabx ħlief f'Gesù. Dan jistkarruħ daŭc li għaliħ ħalleŭ id-dinja; dan tgħidulna il kalb tagħna stess.

Mela, bir-raġun li fost il jiem tas-sena, jingħażel jum il Milied bħala ġurnata ta ferħ għalina. Magħna tissieħeb id-dinja collha.

## IL MILIED.

O ċchejcna belt ta Betlem
Chemm ħiemda k'ed narac!
Għaliex di 'l ħemda collha
U ftit haŭn min jarac?
K'ed jiddu biss f'da 's-schiet
Il cŭiecheb tas-smeŭŭiet.

Daŭn lilna k'ed jistiednu
Sabiex nissieħbu maħhom
Fil ferħ, l'iridu ifissru
Bid-daŭl sabiħ minn taħhom.
Inisslu daŭn f'cull kalb
Il ħrara minn tat-talb!

Maħhom f'tal belt it-torok
Li huma mudlamin
K'ed jilma id-Daŭl-ta-dejjem
L'idaŭŭal il bniedmin!
Għaliex tŭieled dal-lej'
Tal ħlejjak il Fiddej.

O cŭiecheb minn tal għodŭa
Morru xandru flimchien
Li tŭieled il Messija!
Isaŭ titilfux żmien!
Mad-dinja, ilcoll, faħħruħ;
Mal anġli ucoll kimuħ!

Chemm ried jintgħata lilna
Fis-schiet Gesù Bambin,
Sabiex ta din id-dinja
Hu jifdi lill bniedmin.
Jitŭieled għoġbu fkir
F'maxtura ta csieħ cbir!

O 'mkaddes Bambin ħelu,
Inti f'did-dinja gejt
Għax ridt teħles il bniedem,
Li lilu ŭisk ħabbejt,
Sabiex jithenna Bic
U icun jista' igaŭdic.

Għalhecc Lilec nitolbu
Illum li tinżel fina,
Cecchilna id-dnubiet tagħna
Biex tista' grazzi ittina.
U b'hecc nistgħu ngħożżuc,
Tifħir-l'anġli natuc.

U maħhom b'leħen ŭieħed,
B'kalb safja nitolbuc
Li magħna tgħammar Inti
Biex niġu ingaŭduc
Fil Genna, mita ir-ruħ
Tħalli da 'l ŭied tad-dmuħ...

Emm. Quattromani, P.L.

Atu ħarsa lejn il pajjiżi tan-Nord, fejn fil ŭakt li cull familja tinsab imgħezza ma genb in-nar għas-sħana, u l'ixieħ fosthom kiegħed jirracconta x'għadda minn għaliħ fi żmienu, f'dakka jekaf mil cliem. Għaliex? Aħ! ġrajja actar meħtieġa hemm bżonn ifaccar lil daŭc li hemm ma dŭaru. U fil ŭakt li icun kiegħed igħid din li storja ta mħabba, ħleŭŭa u kdusija, il kniepel minn fuk il campnari tal cnejjes jissieħbu ma cliemu. U fil ŭakt li daŭc iż-żgħar ta ma dŭaru, b'ŭiċċ daħcan, kiegħdin jistenneŭ il *Santa Claus* (*), hu kiegħed jistenna barca u paci fukhom chif chien ħabbar l'Anġlu f'Betlemm.

Araŭ il Missjunarju, li jinsab fost daŭc li għadhom riekdin fid-dell tal meŭt, miġbur ma daŭc li għadu chemm gibed għat-triek tas-seŭŭa, jirracconta mhux fuk il kaŭŭa tas-slaten ta pajjiżu, imma li stess storja, li hi storja ta mħabba, għaliex biss bl'imħabba irid igħallem lil daŭc li ftit kabel chellhom klub ta tigri. Hu jiftacar chemm chien jitgħaxxak, mita chien għadu ċchejchen, b'din li storja; jiftacar chemm chien xtak isib ruħu f'dac il-lejl, ħalli chien jati mkar ħŭejjġu stess lill Gesù Bambin, biex jinchesa bihom. U issa? Issa jinsab fost daŭc li bħal Anġlu ta Betlemm kiegħed iħabbrilhom u igħidilhom: «Paci fl'art lill bniedmin ta kalb tajjba.»

Geŭŭa sala, kalb ħafna dŭal u fost ħleŭŭa ta dakk jinsabu bosta cbarat; imma f'nofs dan id-divertiment jekfu. X'ġara?—Ftit il bogħod minnhom, hemm ŭieħed fkajjar, collu mkatta. Fiħ jidrilhom li jilmħu ix-xbiha ta Dac li tŭieled f'dac il-lejl; u jecc ftit kabel xtaku isibu ruħhom f'Betlemm, ma genb Gesù, issa sabu mezz biex jist-

(*) L'actar fl'Inghilterra u 'l Germanja jemmnu bis-*Santa Claus,* li din f'nofs il-lejl iggibilhom ħafna ħŭejjeġ sbieħ. Coss, Missierijetna ma chienux aħjar minnhom, għaliex għadna s'issa nsemmu il *Gaŭgaŭ,* (araŭ x'chiteb fuku Patri Magri fil «Għerf bla Mictub», fil cotba tal Mogħdija taż-żmien tas-Sur Fons Galea).

għu itaffu din ix-xeŭka mkaddsa taħħom. Jigi mogħti lil dac il fkajjar cullma jinħtieġlŭ. Oħ! xi ħleŭŭa iħossu f'kalbhom allura, għaliex igħarfu li, b'dic l'imgiba taħħom, huma għoġbu lil Dac li giè għal cullħadd!

F'camra fkajra, fejn jinsabu xi uħud li fuk ŭiċċhom jidhru sinjali tat-tbatija, tinsab ucoll omm. Din tieħu lill'iż-għar fost uliedha, lilu tressak kuddiem xbiha ta Gesù fil grotta. Hi tgħidlu li storja ta Betlemm u iġġagħlu jitlob. X'jitlob? Imbierca int, ja Omm, għaliex għaraft tolkot il kalb ta uliedec! Nifhmu malajr liema talb int ġagħalt jitlob liċ-ċchejchen ibnec lill Gesù Bambin, għaliex naraŭħ stampat fuk il ŭiċċ rassenjat ta uliedec.

Aħ liema scôla tgħallem li storja ta Betlemm! Imbierchin il bniedmin, għaliex igħożżuha biex inisslu il hena u'l paci f'ruħhom. S. Farrugia.

## IL MILIED.

Conn'ilna, ulied minn t'Eva,
F'tal Għadu geŭŭa 'd-dŭiefer:
Eiuf ta snin chien ilu
Il faraġ bgħid, imsiefer:
Chienet ilha 'r-ruħ tagħna
Mill'ogħna Gid mixtieka,
Fil Fidi priclu utieka,
Il faraġ tistennieħ.

Tasseŭ cont ilec, Bniedem,
Tŭil tara 'ż-żmien, tistenna
Min fl'aħħar jigi ifarrgec,
Ŭerriet jagħmlec tal Genna;
Mil jasar cbir jeħilsec
Tal għadu, ħajjen, ħati,
Iħoll'loc daŭc ir-rbati
Li bihom rabtec sħieħ.

Conn'ilna; fl'aħħar iżda
Ŭaslilna 'l ferħ minn tagħna!
Bniedmin, titnehdux ictar:
Il Bniedem-Alla magħna:
Isaŭ, lejn Betlem iġru,
Hemmec tŭieldet tarbija,
Minn cheŭcba giet murija
Lis-Slaten Magi ucoll....

O rŭieħ tan-nies Kaddisa,
Li 'ż-żmien għaddejtu tagħcom
Mindu Eva u Adam dinbu
Sa 'llum: giè issa jerfagħcom
Gesù mid-dlam tal limbu;
Għall Fidi cunu mbierca,
Ma tagħcom tigi mxierca
Il Fidi tagħna lcoll:

Il Fidi seŭŭa u sħieħa
Xej m'għandha lilha jtellef,
Bħal mera ċar u safi
Nadif u xejn m'hu mxellef;
B'idejhom nieħdu, mela,
Lin-nies ta Fidi ħajja,
Li, kabel ġrat il ġrajja,
Emmnu mingħajr ma raŭ....

Għal! nofsu 'l-lejl se'r jicser:
Il kamar, b'tiegħu 'd-dija,
Chien juri 'l ftit raħħala,
Li chienu imdorrija,
Fl'inħaŭi minn ta Betlem,
Kalb raba, blat u egħlieki,
U mriegħi, siġar, sŭieki,
L'imrieħel jinducraŭ,

X'ħin daŭl cbir, kaŭŭi, igħammex,
Bħal triek mis-sem'għal ħdejhom,
Għamel, li dlonc ŭakkagħhom
Imbeżżgħa għar-rcopptejhom;
U, kalb da's-sebħ u 'd-dija,
Anġlu t'Alla dehrilhom,
U «ħbar tajjba, kalilhom,
Gejj nati: tibżgħu xej!»

L'aħbar li Hu giebilhom,
Il Fidŭa tagħna tfisser,
Għax tŭieled Dac li 'l ctajjen
Tal jasar chellu ichisser:
L'Imħabbar mil Bassara;
Il Cbir Missier, l'Imŭiegħed;
Dac li l'Infern iriegħed;
Missier iż-żmien li gejj.

Adam-il-Ġdid, li mnn'Alla
Jissaŭŭar f'Art Virġnija;
It-Tieni Abel li għandu
Maktul jigi bla ħtija;
L'Isacc, illi, bil ferħa,
Biex jisma' u juri mħabba,
B'tokol il ħatab tgħabba,
Biex jigi maħruk bih;

Dac Ġobb, li dejjem sieber
Ŭakt illi 'd-dinja 'ssaŭŭtu;
Sansun, illi l'egħdeŭŭa,
Sa f'meŭtu, rebaħ b'kaŭŭtu;

L'Abràm, illi gidd cbir
Fih chellu icun mseddak;
Min collu fih giè mŭettak
Li chienu basru fih;

Dac il Haruf ŭisk ġŭejjed,
Li chellu mitbuħ jigi,
Fih tcun id-dinja mbierca;
Mosè tal Ġdida Ligi;
Ix-Xemx, li taħħa 'd-dinja,
Ecchif mad-dinja 'xxerrdet,
Id-dalma cherha kerdet
Tal kima tat-takriek.

Ifirħu, ġnus, ifirħu,
Għax il Halliek minn tagħna,
Li b'rajna conna tlifna,
Idejh fetaħhom magħna:
Bgħatilna l'Iben Tiegħu,
Biex mill'Infern ibegħdna,
Il Genna jarġa iŭegħdna,
Jurina taħħa 't-triek.

Ifirħu, ġnus, ifirħu,
Għax giè 'l Habib li iħarrab
Id-deni, u gid inissel,
Li bih cullħadd jixxarrab.
Lilcom, Setgħet li ħakkcom
Giè mŭakkaf fuk id-dneŭŭa,
Giè «Alla tagħna is-Seŭŭa»
Taħcmu igħallimcom seŭ.

Ninni, Bambin tas-Sema:
Tibchix, sal bakra u 'l ħmara
Jersku isaħħnuc b'nifishom;
U l'inkas jistgħu ħsara
Ir-rŭiefen lilec jagħmlu,
Ir-rŭiefen minn tas-sħati,
Li, bħal żŭiemel sferrati,
Dlonc fostna jiġġerreŭ.

Ninni, Gesù: mil għanja,
Micsura u ŭisk sabiħa,
Minn tar-Ragħajja tŭajjba,
Imħannen, u mil fŭiħa
Imxaħxaħ tal minġŭin
Li it-Tlieta bih baħħruc:
L'Għorrief li geŭ sabuc
Mill'ibgħad artijet,

Sabiex ġatuc il kima
Illi tistħokk biss Lilec,
Bħala Sultan tas-Slaten,
Li cont imħabbar, ilec,
Li għandec tal midinba
Fid-dinja tidħol pleġġ...
Id-Daŭl għalina feġġ,
Inkerdu 'd-Dlamijet!

V. Mifsud Bonnici.

GAETANO GAUCI TRAMBLETT LL.D.

## L'AHHAR ASSALT (3)

TAL

# Forti San Michiel

*( traduzjoni ta Ġanni Sapiano-Lanzon )*

Fra Fulgenzju intant chien rabat taljola mat-travu tal kanpiena u daħħal fiħa ħabel oħxon; u bil għajnuna ta dac iż-żagħżuħ irnexxielu jorbot u italla fuk nett il caldarun taż-żejt u taż-żift jagħli:—Issa ħalli jiġu chemm iridu il Misilmin...Halli jiġu!—bida igħajjat Fra Fulgenzju, ferħan għall'aħħar b'dac collu li lesta.—Noktol għall'inkas tliet elef:... (bida igħid ŭaħdu,) x'ħin jiġu jaħbtu għall Cunvent... kabel ma imiddu riġlejhom haŭn geŭŭa... jen, inqŭantu għalija, illum jeŭ għada għandi immut... u xorta ŭaħda tmut żagħżuħ jeŭ xiħ. Issa, Damjan ta kalbi, x'bi ħsiebec tagħmel? Tridx tokgħod haŭn miegħi biex tgħammed l'egħdeŭŭa bil katran?

—Jena sejjer u nħallic ŭaħdec biex tgħammed chemm trid inti: sejjer il Forti San Michiel biex inkaŭŭi kalb daŭc li kiegħdin jitkabdu, l'actar lin-nisa biex iŭaddbu il gebel, għax il Captani Xandru Scarampo u Pompilju Savelli ma iridunix nitbiegħed minn ħdejhom.

U malli kal hecc ħalla il Fra Fulgenzju bħal erbgħa fost il gimgħa, li għal darraccont chemmex ħuġbejħ, u niżel jiġri it-taraġ chemm għandu ħila; fil ŭakt li l'Ajc baka' ŭaħdu, bida dakka jixref mit-tieka tal campnar u dakka jidħol jirranġa l'armi, chien kiegħed jissamma jecc humiex gejjin l'egħdeŭŭa, illi, scond ma fehem hu, chellhom jidħlu geŭŭa il Birgu minn mument għall'ieħor. U baka' hecc xi nofs siegħa bix-xeŭka li jixħet fuk l'egħdeŭŭa żift u żejt jagħli, u li ibiccer b'daŭc it-trumbuni u b'daŭc il borom chemm Misilmin jara b'għajnejħ. F'salt ŭieħed deherlu li kiegħed jisma u sgur sama' taħbit kaŭŭi ta xŭabel u sparar ta azzarini, u mbgħad lemaħ colonna cbira ta duħħan tixxerred bil môd il môd: ŭara dan baka' jissamma u sama' bħal leħen li igiblec ħniena ta feruti u moribondi: fl'aħħarnett għajjât kaŭŭi: «Iġru, l'aħŭa, agħiku il bŭieb tajjeb! Curaġġ! Intom nisa, isaŭ: ŭaddbu il gebel!...» Imbgħad Fra Fulgenzju ntila b'killa tant cbira, bida iħabbat riġlejħ mal art, igħażżaż snienu, joħroġ ir-ragħŭa minn ħalku; ighergher, jisħethom, igħolli idejħ fl'arja bil ponnijet; u mbgħad għajjat għajta tant cbira: «Jena haŭn ma nokgħodx, ma irridx nokgħod iżjed!» Niżel jiġri it-taraġ; daħal irrabjat fiċ-cella tiegħu, kabad l'elmu, il corazza, l' alabarda, u ħareġ jiġri ilbarra; ħalla il bieb tal Cunvent miftuħ beraħ u telak lejn il Forti San Michiel.

Issa min ra dac it-taħric tal gisem li għamel dan l'Ajc xħin ħareġ barra jiġri, sgur chienu jaħsbuħ miġnun. Tas-seŭ li moħħu ma chienx f'locu; imma, li ħalleŭħ għassa tal Cunvent, xħin cullħadd, irgiel u nisa, chien sejjer biex jitkabad, chien għaliħ turment cbir ŭisk. Għalhecc li msejchen Ajc chien jinsab bejn in-nar u l'ilma: chiecu irid jobdi lill Provincjal, u chiecu irid imur jitkabad. Mil banda l'oħra Patri Ambroġ, billi chien jaf li moħħu ħafif u chellu xeŭka cbira biex imur jitkabad mal egħedeŭŭa, biex ma joktluħx, ħaseb tajjeb li iżommu bgħid, billi iġagħlu jokgħod għassa tal Cnisja u tal Cunvent. Imma din li ma samax minnu sŭiet ŭisk, għax ħelset mil meŭt il Patri Ambroġ. U mita il Misilmin katgħu jeshom li jirbħu, u ħarbu, u il pajjiż raġa icqŭieta chif chien, Patri Ambroġ spiss chien igħidlu: «Fra Fulgenzju, inti ridt tcun biex issalvali ħajjti.» Għal daŭn il chelmiet dan l'Ajc, żorr u ħmar chemm jista' icun, imma ta kalb l'ictar tajjba, chien jogħroc għajnejħ biex ma jurix li kiegħed jibchi.

*( Jissocta. )*

# LILL'ISEM TA GESÙ

(*innu maklub mit-Taljan għall Malti biex icantaŭħ it-tfal tal Mellieħa*)

CHELMA B'CHELMA.

Ismec jaf bil ħena ixabba
fommi, kalbi u cull ma fija,
għax tal ħleŭŭa u tal kdusija
Int il għajn, maħbub Gesù.
Min isieħ Lilec b'imħabba
f'ruħu iħoss għaxka tal Genna
u katt iżjed ma jistenna
ħajr mid-ninja, hŭ x'in hu.
Int, setgħân actar minn ġliba
għad-dneŭŭiet f'kasam imferrka,
tħarrab bgħid f'leħħa ta berka
il għedeŭŭa karrekin.
Min katt jista' żeŭġ igibha
jecc jieħodha ma drieħ Alla?
Hsiebi, mela, Fìc jitħalla,
ja rebbieħ Isem ħanin.
Fit-tmiegħir cun daŭl għalija,
cun fid-dŭejjak farag tiegħi,
cun biex tgħini dejjem miegħi
fit-tiġrif ta din it-triek.
U fil ħin tal meŭt ŭaħxija
li bħal bniedem għad tbeżżgħani,
Int ifdini u Int tellgħani
f'sebħ il Genna, chif nixtiek!

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

# IL MILIED.

SUNETT.

« Glorja ll'Alla fil għoli tas-smeŭŭiet,
paci fl'art lill bniedmin ta tajjba rieda: »
mal anġli ngħajjtu 'lcoll biex natu xħieda
tal ferħ li nnislu f' kalbna għall Milied.

Bil ħsieb immorru fl'għar li 'l cheŭcba uriet:
il Bin Marija, għax aħna ucoll uliedha,
infaħħru; ŭ fis ngħakkdu gieħna b' żieda
ma tal Cnisja li mŭakkfa Minnu giet.

O Betlem! Betlem! belt ŭisk ixxurtjata,
għax fic imŭieled giè Dac il mistenni,
biex lill bniedmin ħelsien mil kerk jingħata.

U il Gesù x'ġagħlu jinżel haŭn tarbija?
Iżda isimgħu x'in hu lir-ruħ itenni:
«Bniedem sirt biex ta mħabbti ntic turija.»

NAZJU BONAVIA.

# Mater Salvatoris.

Għalchemm din kalbi
Ma għandhiex serħ,
U 'l ħelu ferħ
Ma tafx x'in hu,
Jen ngħolli talbi
Sa ħdejc, Marija:
Idħol għalija,
Omm ta Gesù.
Fìc insib jena
Is-serħan tiegħi,
Għax dejjem miegħi
Ukaft cull żmien;
Fìc li bil ħniena
Dejjem mimlija
Cont, o Marija,
Sa mil ħolkien.
Għid, ja Sultana,
Għalbiex nithenna:
Jistħokklu 'l Genna
Min sebħ jatic.
Li ŭara dana
Il ŭied tad-dmuħ,
Tigi cull ruħ
Hemm fuk tgaŭdic.
Kis li 'l cliem tiegħec
Da' icun għalina,
Ja Omm ħanina,
F'gieħ dac Gesù
Li ħaddant miegħec
Tfajjel m'hux ftit;
U chif Int trid
Hecc irid Hu.

GIOV. SAPIANO-LANZON.

# L'ANĠLU IHABBAR LIR-RAGHAJJA IT-TUELID TAL BNIEDEM-ALLA.

ANACREONTICA.

Stenbħu! Kumu!
Xejn la 'ddumu!
Tajjru 'n-ngħas; fis tajjru 'l għajja!
Giè 'l Mistenni, giè saflaħħar!
Stenbħu, isaŭ! Kumu, o ragħajja!
Stenbħu! Ixxiercu!
Morru biercu
il Min ħalak in-natura,
u li taħtha għoġbu jokgħod
biex tal bniedem jieħu 's-sura.
Daŭc il ctajjen
illi 'l Hajjen
bihom lilcom mar irabbat,
frac jagħmilhom Bin Jehova;
il Satàn mirbuħ isabbat.
Mela, kumu!
Xejn la 'ddumu!
Titniccrux! Fis tajjru 'l għajja!
Gò maxtura Lilu 'ssibu:
kima atuħ! Iġru, o ragħajja!

FELIC BUHAGIAR.

M'hux jum tas-sŭied il kalb: iżda chif nistgħu ma nħabbrux il meŭt tal

EMINENTISSIMU CARDINAL

## MARJANU RAMPOLLA,

CONTI DEL TINDARO,

li miet Ruma, nhar l'erbgħa li għaddeŭ, ta sebgħin sena?......

Chien imsemmi mad-dinja collha bħala ŭieħed mill' akŭa irgiel ta dan is-sêclu. Chien stmat mir-Rejjet u mil Cbarat ta cull Nazzjon. Chien magħdud minn ta kuddiem nett bħala Politcu, bħala Teôlgu, bħala Letterat; u fil Cnisja chien magħruf bħala Arci-Iskof u Cardinal mill'ogħla, għall ħrara u għall'imħabba tar-Religjon Cattolica. Chien Nobbli u għâni cbir minn daru. Chien jifhem bosta f'cull Arti, specjalment tal pittura u li scultura; u nefak eluf cbar minn butu, biex iżejjen chif jixrak il Cnisja li, bħala Cardinal, chellu it-Titlu taħħa. Chien ucoll Arcipriet ta San Pietru: u geŭŭa Ruma m' hemmx bniedem li għamel carità mal fokra ta cull gens daksu.

Chien Segretarju tal Papa Leŭni Tlittax, li chellu fiħ fidi cbira; u mita, ŭara meŭtu, ngemgħu il Cardinali biex jagħmlu Papa ieħor, mat-tieni votazjoni, chellu tant voti, li il Cardinal Vives y Tuto (miet ucoll daŭn il granet) kâm igħid: *La rajna hecc ċàra il volontà tal bìċċa il cbira tagħna, għax ma nagħmluħx Papa b' għajta ŭaħda (acclamazjoni) mingħajr ma nargħu natu xejn il voti!* U hecc chien isir, għax li chellu jilħak Papa il Cardinal Rampolla chienet tgħidu id-dinja collha. Imma il Cardinal tal Aŭstrja kabeż igħid li l'Imperatur tiegħu (għax l'Eminentissimu Rampolla chien iżomm ma Franza, contra il għakda tal Italja mal Aŭstrja u il Germanja, dan cull-ħadd jafu!) bagħat *iċ-ċaħda* (VETU) għal dic il għażla.

Dac il ħin il Cardinal Rampolla ŭira chemm chien ragel cbir. Kâm bil ġabra collha u kâl lill Cardinali: Għalija, nifraħ li giet din *iċ-ċaħda*, għax hecc sejjer jitŭarrab minn fuki dan is-salib tal biża: imma, bħala Cardinal, nipprotesta ruħi li ħadd fid-dinja ma għandu il jedd jindaħħlilna haŭn geŭ il min nagħmlu Papa.— U minn dac il mument stess bida iħabrec biex il voti li chellu hu jakgħu, chif ŭakgħu, fuk il Cardinal ta Venezja. U il Papa Piju Għaxra, chif tala fuk it-Trôn ta San Pietru, ordna li, taħt piena ta li Scomunica, ebda Sultan jeŭ Cbir ieħor, għal chemm Cattolicu, ma jista' jindaħal bl'ebda mod fil għażla tal Papa! U lill Cardinal Rampolla ŭrieħ dejjem kima barranija, taħ dejjem l'ogħla postijet u sejjaħlu f cull qŭistjoni tar-rekka biex jisma' il parir tiegħu.

Il Cardinal Rampolla chien ucoll il Gran-Prijur tal Ordni tal Cavalieri Gerosolmitani; u, bla katt ma raha, chien jitchellem fuk il Cnisja ta *San Gŭann* tagħna bħalli chiecu trabba ġô fiha.

Għall Maltin chellu gibda cbira: u fil qŭistjoni mal Protestanti fuk chif għandu isir iż-żŭieġ Malta, chien hu li, mgħejjun minn Sir Giuseppe Carbone, ŭira lill' Ingħilterra id-drittijet tagħna.

Chien minn Polizzi, belt ċchejcna fl'inħaŭi ta Palermu; chien jidher għadu ŭisk f'saħħtu; il marda tiegħu chienet hecc kasira, li sa nhar it-tlieta li għaddeŭ stess għamel funzjoni f'San Pietru.

Il Cnisja tilfet *Colonna* u id-dinja *Ragel* mill'acbar li chellha f'dan is-sêclu.

# Ma dûarna.

—Għada lejliet il Milied: it-tifchira tal icbar għageb li ġara fid-dinja: «Alla sar dac li ma chienx u baka' dac li chien, bla ma tħallat jeŭ inkasam!» Natu b'kalbna collha il festi it-tajjba, mhux biss lill chittieba u lill karrejja tal *Habib*, imma ucoll lill għedeŭŭa tiegħu. Gid, riżk u paci lill bniedmin collha ta rieda tajjba.

Frattant, illum, biex nagħmlu aħna ucoll il festa tal Milied, ħallejna għal darb'oħra l'articuli collha tal gimgħa, barra mill'aħbarijet tal bżonn u mir-Rumanz; u għamilna il ŭisa lill poeżiji u lil dac li jitchellem fuk it-Tŭielid ta Gesù.

—Min irid jara Presepju sabiħ, imur iż-Żejtun, strada Rjali, numru 100: id-dħul, *sold* ir-ruħ. Dan il Presepju cbir ħadmuħ Ŭigi Galea u żeŭġ ti ħbieb tiegħu. Collox ġdid u miġbud b'sengħa cbira. Nifirħulhom u nizżuhom-ħajr ta li stedina li bagħtulna.

—Għall Cunsilieri ma reskux ħlief it-tmin Candidati tal Cumitat Patrijotticu, li, billi ma chellhomx min jiġri maħħom, geŭ iddichjarati Cunsilieri mil Cummissjunarji tal Elezzjoni: imma huma, chif chienu ŭegħdu fil Prugramm taħħom, reġgħu ħalleŭ minnufiħ; u hecc rebaħ minn ġdid il partit tal *Astensjonisti*, jigifieri ta daŭc li, sa chemm tibka' il *Costituzjoni* ħażina li għandna, ma iridux li il Poplu jibgħat min jidher għaliħ fil Cunsil, fejn il Gvern, bil cotra tal Cunsilieri tiegħu, jista' jagħmel li irid. Chienu kalu li chellhom joħorġu xi *Candidati ridicoli* u diġà chien bida jissemma ŭieħed: imma, fl'aħħar mument, ma deher ħadd; u hecc reġgħet għaddiet tal *Partit Nazzjonali*, jigifieri tal Poplu.

— Nizżu-ħajr lill famìlja tal President Carbone (Alla jatiħ il Genna), li għoġobha tistedinna għall funerali tiegħu. Ma stajniex immorru, għax il Magistrati ma vżaŭx li il caŭżi dic in-nhar chellhom jibdeŭ ŭara il funeral, bħalma għamlu li Mħallfin.

—Nizżu-ħajr ucoll lis-Sur Salv Żammit, Agent tal *Fratelli-Branca* ta Milanu, li għoġbu jibgħatilna l'almanacc tal *Fernet* taħħom: almanacc sabiħ, fìn, maħdum b'sengħa cbira u fuk collox onest.

—Marret tajjeb ŭisk il festa tal Cuncezzjoni, li, bħas-soltu, għamlet, fil ħadd ta fost l'ottava, il Cumpanija taħħa, fil Cnisja tar-Reverendi Minuri Cunventŭali ta San Frangisc, haŭn il Belt; u mar-Reverendu Patri-Majjistru Tonna-Barthet, bħala Câp tal Provinċja tal Cunventŭali, u mas-Sur Nutar Pietru Bartoli, bħala Rettur tal Cumpanija tal Cuncezzjoni, natu *prosit* lis-Sur Vincenzu Paċ, Procuratur ħaddiem u tad-dehen. Ŭakt il Matutin, li mar tajjeb ŭisk u chien tas-seŭ devot, l'imfaħħar Provincjal għamel il Kuddiesa tal Comunjoni, li għaliha resku ħafna Fratelli; u il bkija tal funzjonijet għa-

milhom ir-Reverendu Patri Xiberras, Cummissarju-Provincjal tal Cunventŭali tal Inghilterra. Fil għodu,ippriedca bit-Taljan il Patri-Majjistru Falzun,tad-Dumnicani; u ħadna pjacir cbir li chellu min jisimgħu. Ma ncabbruhiex mita ngħidu li dac il Predicatur jista' jidher fuk l'akŭa pulpti tal Italja u li mita nisimgħu lîlu u daŭc li huma tas-saħħa tiegħu, ma nifhmux iżjed għax tant niġru ŭara il Predicaturi frustieri. Mal ħleŭŭa tal fomm, mal ħeġġa tal kalb, mal lingŭa sâfja minn cull tebgħa, hemm il kaŭŭa bla kies tal argumenti; u min sama' lîlu dic il għodŭa, sgur ħareġ igħid: *Illum fhimt seŭŭa għax Marija ma setgħetx titnissel bl'ingiesa tad-dnub originali!* Għerf cbir,imfisser hecc ċar, li sata' jifhmu cull-ħadd!—Fil għaxija, bil Malti, ippriedca l'Eccellentissimu Monsinjur Iskof Portelli, Dumnican ieħor,li chellu gemgħa cbira ta poplu ma dŭaru; u m'hemmx bżonn ngħidu li ma għamilx għajb lil sieħbu.—U il għasar, qŭasi collu ġdid, li semmagħna is-Sur Mast Ġuseppi Carŭana? Chelma ŭaħda: dac hu il għasar scond il *Motu Proprju*: u mita m'hux hecc, hu iccundannat mil Papa. Iżda, mal obbedienza, dan il għasar fiħ il ħleŭŭa, fiħ il gost, fiħ is-sengħa, fiħ il gênju; u nixtieku nisimgħu bħalu f'cull Cnisja li nidħlu. *Prosit*, mela, lill Cumpanija tal Cuncezzjoni, mhux biss għall festa devota u solenni, mhux biss għall għażla tal Predicaturi, imma ucoll għall għasar li semmgħetna.

—Din għageb tan-natura, din miraclu tassengħa tal mużica — kâl Professur li sama is-Sinjurina Bice Vassallo, fl'*Accademja* li tât fil 11 ta dan ix-xahar.—Le (ŭiegħbu Professur ieħor, li chien kiegħed ma genbu): din m'hix għageb, din m'hix miraclu: din bint missierha!—U ma ngħidu xejn iżjed. Mil bkija, akraŭ xi igħid il *Ħabbàr* tagħna.

—Nhar il ħadd, 28 ta dicembru, fil 5 ta fil għaxija, għandu isir Dramm storicu-sagru, l'*Appostlu Sant'Andrija, Martri*, fit-teatrin *De Paŭla*, li jinsab Raħal-ġdid, strada Lampuca, numru 21. Id-Dramm hu mictub bil Malti mis-Sur Guliełmu Pulis u min imur jaraħ ma jibdielux, għax tas-seŭ li hu xogħol tajjeb.

## Minn gimgħa għal oħra.

*13 ta Dicembru.* San Giljan ŭieħed nvesta bil *bicicle* ragel ta 57 sena u bis-sabta li taħ ħallieh mejjet. Nifthu jeŭ ngħalku il gimgħa b'disgrazzja, li minn xi dakka aħna il ħtija li gibniha fukna jeŭ fuk għajrna, għan-nukkas tagħna, għax ma kgħadniex għal dac li tgħallimna aħna milli ġarrabna, jeŭ għax ma nkisu xejn it-tŭissijet ta minn ġarrab kabilna, jeŭ għax ma nħarsux il ligijet li il bżonn icun għamel. U dan li donnu ġara illum scond ma igħid il ġurnal. Dac li igħidu xi uħud: « għax delli tkil — għax hecc chellu jgħaddi » hu collu cliem fieraħ, biex jagħdru lilhom nfushom u ma jaraŭx ħtijethom.

*15 ta Dicembru.* It-tfajla Bice Vassallo, bint il mastru di cappella tal Cattidral, li ma għandhiex actar minn erbatax il sena, li Alla żejjen bi ħleŭŭa, sbuħija u moħħ ta anġlu, collha mistħija u ma tafx bi cburija, is-sibt li għadda tat l'eŭŭel *concert* fis-Sala tal Università, li chienet miżgħuda bl'akŭa u l'aħjar nies, u saħħret u għaġġbet lil collħadd bil ħila tagħha għal *pjanu*. Dakket bcejjeċ l'actar tkal, u tŭal, bħallichiecu xejn, u chif li iggib il għira lil akŭa *pjanisti*, mux ta haŭn biss, imma ta bara ucoll. Dan ma ngħiduhx aħna, għax m'hix bicċa tagħna, imma igħiduh daŭc li jistgħu jitchellmu. Il ġurnali ta Palermu, meta chienet marret hemm tati concert, tchellmu minnha bħala għageb fil musica. Nifirħu lil missierha, li hu ħabib tal kalb tagħna, li kiegħed issa jiġbor il frott tax-xogħol tiegħu ta missier li iħobb u ta mgħallem mil akŭa.

—Ilbieraħ, fit-tmienja u nofs, fil Paroċċa ta San Duminicu sar funeral għar-ruħ il President Sir J. Carbone. Minn barra iż-żeŭġ Iskfijet chien hemm ucoll l'Ajutant tal Gvernatur mibgħut minnu, l'Imħallfin, il Magistrati, il Capijet tal Gvern u cotra cbira ta l'akŭa nies. Kaddes il Cappillan u bierec it-tubru l'Iskof Pace. Faħħru ŭisk il musica, li chienet scond il *Motu proprju*, taħt ittrigija tas-surmast Caruana, ieħor li jagħmel tasseŭ unur lis-surmast Paŭlinu Vassallo, għax ħareġ minn taħt idejh.

—Ħal Luka, tliet csir il għonk, daħlu fiddar ta ŭieħed tal ħalib biex jisirkuh. Hu chien telak għax-xogħol u ħalla riekda lil mara bit-tifla. Ŭieħed mil ħallelin ħataf il mara minn għonkha, ħalli ma tistax tgħajjat u ieħor żammha tajjeb minn idejjha, fil ŭakt li it-tielet kabad iferchex u ifittex mgħad-dar, imma ħlief mactur bi ftit xelini ma ħadux. Harbu u ħalleŭ il mara għaxja. Chif giet f'sessiha għajtet għal ajjut u chixfithom lil Pulizija, għax, għad li chien għadu id-dlam, għarfithom.

*18 ta Dicembru.* Jingħad li il Pulizija raġgħet żammet it-Tombli lil Baned, u l'għaliex ma jafu ħadd.

—Il Curunell W. H. Engerer tal Milizzja minn Agent Direttur laħħkuh Sopraintendent tal Posta, imma nakksulu mit lira mis-salarju ta kabel. Igħidu li jinkala ŭisk għal dac il post u għallhecc l'għażla ma satgħetx tcun aħjar.

Il Ħabbàr.

## Ma dûar id-dinja.

*Ruma*—Għarafna b'telegramm li il Cardinal Rampolla miet f'nofs il-lejl ta bejn is-16 u is-17 ta dan ix-xahar—ma chellu xejn: aŭl-il-lejl fil għaxija chien iħossu ftit ħażin, u għal nofs lejl miet sobtu. Chien jifraħ ŭisk bil Maltin li chienu imorru iżuruħ: xejn ma ngħidu għall cbira kima li hu chellu għall'Iskof tagħna Mons. Paċ.

*Messicu*—F'daŭn l'aħħar ġranet il ħŭejjeġ tal Messicu tħaŭdu ŭisk, b'mod tali li l'armirall tal flotta americana chellu jindaħal u heddet liż-żeŭġ partiti li jecc ma iżommux in-nar hu jispara fukhom. Intant miegħu kamu ucoll il cmandanti tal fregati tannazzjonijet l'oħra li ġabru chemm setgħu abbord is-sudditi taħħom, u l'armirall american għamel telegramm li fis jibagħtulu trasport biex icun jista' jiġbor il cumplament. Ŭara din it-theddida ir-ribelli irtiraŭ u hecc innar spiċċa. Hemm issa tâma cbira li il ħŭejjeġ jirranġaŭ.

*Creta* — Fl'14 tax-xahar Creta saret tal Grecja. Li stess Re Costantinu imsieħeb ma Venizuelos, il Prim Ministru tal Grecja, ħa pussess ta Creta u b'idejħ talla il bandiera Griega.

*Serk misjub* — Bosta xhur ilu chien insterak mil mużeŭ ta Louvre qŭadru famus, magħruf taħt l'isem ta *Gioconda* jeŭ *Mona Lisa* taċ-celebri pittur Leonardu da Vinci. Il ġranet li għaddeŭ, certu Censu Perugia, taljan, mar ibiegħu lill certu rigattier Geri, minn Firenze. Dan għarfu u għaldakstant Perugia giè arrestat. Il qŭadru jigi icconsinnjat lill Franza, mnejn giè misruk.

*Inghilterra*—Manŭel li chien Re tal Portugal, flimchien mal għarusa tiegħu, raġa mar l'Inghilterra.

L'incrucjatur *Tiger* fil 15 tax-xahar chien varat f' Elydebank.

*Menelik*—Jintgħad li Menelik, sultan tal Abbissinja, li chien għaġġeb id-dinja—miet. Iżda l'aħħar ma gietx icconfirmata u għaldakstant ma chienetx ħlief klajja. Din m'hix l'eŭŭel darba li katluħ.

*Digrazzi* — Il vapur Germanis *Narvik* insab maklub fid-dħul tax-xmara Ems: l'eqŭipaġġ ta xi 32 ruħ collu għerek.

—F' Sassonja it-tunel bejn Gunmsdorf u Brannsdorf sprofonda fil ŭakt li chien għaddej tren minn taħtu, żeŭġ vaguni bakgħu mgħaffġa: mietu fil colp disgħa, ħmistax bakgħu feruti għall meut, u sebgħa u għoxrin feruti ħafif. Fil ŭakt tad-disgrazzja inħass terremot.

*Il Flotta Ingliża*—Chif għedna il gimgħa li għaddiet, festi cbar lesteŭ f'Toulon għall flotta ingliża—nies mil bliet collha niżlu Toulon, li giet collha mżejjna bil bandieri: il mixgħela chienet bil bosta sabiħa.Ŭara pranzu lill'Armirall Colville u lill fizzjali tiegħu, chien hemm ballu ta 6000 ruħ. Ir-Re Ġorġ għamel telegramma lill President Poincarè u urieħ chemm baka' soddisfatt mil lakgħa li saret lill flotta tiegħu, u dan chien sinjal tal cbira ħbeberija bejn iż-żeŭġ nazzjonijet. Il President ŭiegeb lir-Re Ġorġ u kallu li hu ferħan li sata' jati prova ta d n il ħbeberija.

L. M. C. G.

## Chitbulna:—

### Festa Cbira tal Fokra geŭŭa Bormla.

Lejliet u nhar il Milied chif ucoll is-sibt u il ħadd, 27 u 28 ta dan ix-xahar, is-Società ta S. Vincenz de Paoli, fergħa ta Bormla, sejra tagħmel għall għajnuna tal fokra minnha mgħajjuna *Fiera* u *Bazaar*, fid-dar ta Strada Toro 9, Bormla.

F'din il *Fiera* sejjer icun hemm cull xorta ta logħob u ta divertimenti oħra. Il *Bazaar* sejjer icun fiħ ucoll ħafna affarijet li jgħoddu ŭisk għan-nisa, u bi prezzijet baxxi chemm jista' icun. Għat-tfal icun hemm ucoll bosta ġugarelli fini u ta valur, li is-Società giebet minn barra għal tal apposta.

Sejrin jirrallegraŭ il *Fiera*, permezz ta prugrammi sbieħ ŭisk tal mużica, bosta Societajet mużicali.

Is-Società tittama li ħadd ma jonkos u ma jigix migja sal *Fiera*. Cull ħadd jaf f'liema stat tinsab Malta collha chif iddur u specjalment it-tliet ibliet; għalhecc ŭieħed jista' jissoponi xi qŭalità ta nies daż-żmienijet kiegħdin jirricorru għall għajnuna għand din is-Società.

Imma, billi il forza ta din is-Società huma limitati ŭisk, bosta drabi, contra kalb il membri li jiffurmaŭha, ma tcunx tista' tati għajnuna li cullimchien jirricorri għandha.

Għaldakstant cull min jista' jagħmel mill'aħjar u jicconcorri, għalbiex din il *Fiera* icollha ir-risultat li hemm bżonn.

Ejjeŭ, ejjeŭ; la tonksux! *Id-dħul b'xejn għal cull ħadd*,

E.V.

Itolbu l'Alla il mistrieħ ta dejjem għarruħ għażiża ta Guliełmu Mifsud, li miet fil 15 ta dan ix-xahar, ta 57 sena. Chien ragel u nisrani mill'aħjar.

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### FELES.

Iss'għall Labsi, jecc tinduna
b'ta d'iċ-ċajta it-tifsir,
agħmel ŭaħda lill'uliedec,
jieħdu biha elf pjacir.

Jecc int tokgħod attent seŭŭa
malajr ngħidlec chif issir:
ġô nofs gebla minn tax-xtajta
li bħal boċċa tonda tcun
strument daħħal li da 'ssibu
għand min jimla bil flixcun.

Giov. Rizzo.

L'aħħar Xarada chienet:
*Cuccu-drill—Cuccudrill.*

Ma giebuhiex ħlief tnejn: ir-Rev. G. G. mil Belt u is-Sur F. Mizzi mil Ħamrun.